

Brussell, 20 ta' Settembru 2021
(OR. en)

11840/21

Fajls Interistituzzjonali:

2021/0211(COD)
2021/0200(COD)
2021/0201(COD)
2021/0197(COD)
2021/0206(COD)

ENV 636
CLIMA 242
ENER 380
TRANS 553
ECOFIN 845
AGRI 422
FORETS 45
MI 672
CODEC 1230

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %" a) Reviżjoni tad-Direttiva (UE) 2003/87/KE li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra biex tiġi implimentata l-ambizzjoni tal-mira l-għdida għall-klima għall-2030 u l-proposti relatati b) Reviżjoni tar-Regolament (UE) 2018/842 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi c) Reviżjoni tar-Regolament (UE) 2018/841 dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030 d) Reviżjoni tar-Regolament (UE) 2019/631 li jistabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet ta' CO ₂ tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda e) Regolament li jistabbilixxi Fond Soċjali għall-Klima – Skambju ta' fehmiet

Bil-ħsieb tal-iskambju ta' fehmiet fil-laqgħa tal-Kunsill (Ambjent) tas-6 ta' Ottubru 2021, id-delegazzjonijiet isibu mehmuż nota ta' spjegazzjoni u mistoqsijiet imħejjija mill-Presidenza biex jgħinu fl-istrutturar tad-diskussjoni.

Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden biex jieħu nota tan-nota ta' spjegazzjoni u mistoqsijiet, kif jinsabu fl-Anness għal din in-nota, u biex jgħaddihom lill-Kunsill bil-ħsieb tal-iskambju ta' fehmiet.

**- Pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %" -
Nota ta' spjegazzjoni għall-iskambju ta' fehmiet
fil-Kunsill (Ambjent) tas-6 ta' Ottubru 2021**

INTRODUZZJONI

Fl-14 ta' Lulju 2021, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat il-pakkett ta' proposti leġiżlattivi msejjaħ "Lesti għall-mira ta' 55 %", li għandu l-għan li jallinja l-qafas tal-politika tal-UE dwar il-klima u l-enerġija mal-mira ambizzjuża l-għdida tagħha għall-2030 li tnaqqas l-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra b'mill-inqas 55 % u li jqegħedha fit-triq it-tajba biex tilħaq l-oġettiv tagħha li sal-2050 jibda jkollha impatt newtrali fuq il-klima. Il-pakkett jikkonsisti minn serje ta' proposti marbuta mill-qrib ma' xulxin li jemendaw atti leġiżlattivi eżistenti jew inkella li jistabbilixxu inizjattivi ġodda f'firxa ta' oqsma ta' politika u setturi ekonomiċi inkluż il-klima, l-enerġija, it-trasport, il-bini, l-użu tal-art u l-forestrija. Barra minn hekk, hu mistenni li qrib tmiem l-2021 jiġi ppreżentat għadd ta' proposti b'rabta mal-enerġija. Il-biċċa l-kbira tal-proposti fihom rabtiet diretti jew indiretti ma' partijiet oħra tal-pakkett u għandhom l-għan li jirrinforzaw lil xulxin reċiprokament.

Flimkien, il-proposti għandhom l-għan li jippermettu lill-UE tilħaq il-miri tagħha b'mod ġust, kosteffiċjenti u kompetittiv u tikkontribwixxi għal tranżizzjoni ekoloġika u ġusta tal-ekonomija tagħha skont l-oġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Ir-reviżjoni tal-qafas leġiżlattiv tagħha dwar il-klima u l-enerġija għandha wkoll tippermetti lill-UE twettaq l-impenji internazzjonali tagħha skont il-Ftehim ta' Pariġi, b'mod partikolari l-Kontribut Determinat fil-Livell Nazzjonali aġġornat tagħha f'konformità maż-żieda fl-ambizzjoni għall-2030. Il-proposti tal-Kummissjoni għandhom l-għan ukoll li jikkontribwixxu għall-irkupru ta' wara l-Covid tal-ekonomija Ewropea u r-reżiljenza fit-tul tal-Unjoni Ewropea.

Fil-Kunsill, il-proposti ser jiġu ttrattati f'erba' formazzjonijiet tal-Kunsill: Ambjent, Enerġija, Trasport, u Affarjiet Ekonomiċi u Finanzjarji. Il-ħames inizjattivi marbuta mal-klima li ġew ittrattati taħt il-mandat tal-Kunsill Ambjent huma fil-qalba tal-pakkett "Lesti għall-Mira ta' 55 %", bl-ambizzjoni miżjuda tas-Sistema tal-UE għall-Iskambju tal-Emissjonijiet (ETS) bħala mutur ewlieni flimkien ma' miri nazzjonali miżjuda fir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi (ESR) u miżuri biex jiżiedu l-bjar naturali permezz tar-Regolament dwar l-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija (LULUCF). L-istandards aktar stretti dwar is-CO₂ proposti għall-karozzi u l-vannijiet għandhom l-għan li jgħinu lill-Istati Membri jilhqqu l-miri nazzjonali miżjuda tagħhom filwaqt li jstimulaw l-innovazzjoni teknoloġika fis-settur. Il-Fond Soċjali għall-Klima li għadu kif ġie propost għandu l-għan li jindirizza l-impatti soċjoekonomiċi tas-sistema l-ġdida proposta għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għall-bini u t-trasport bit-triq.

Dan l-aħħar bdew id-diskussjonijiet fil-livell tekniku dwar dawn l-inizjattivi u l-valutazzjonijiet tal-impatt li jakkumpanjawhom. Id-delegazzjonijiet għadhom qed jistudjaw il-proposti u s'issa esprimew biss kummenti ġenerali jew preliminari. Hawn taħt tinsab ħarsa ġenerali lejn l-inizjattivi.

L-ELEMENTI PRINĊIPALI TAL-PROPOSTI

Riforma tal-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti ta' Emissjonijiet (ETS) tal-UE¹

Il-Kummissjoni tipproponi sett komprensiv ta' bidliet fl-ETS eżistenti li sal-2030 għandhom jirriżultaw fi tnaqqis globali ta' 61 % tal-emissjonijiet fis-setturi koperti mill-ETS meta mqabbla mal-2005, minflok l-objettiv attwali ta' 43 %. Iż-żieda fl-ambizzjoni għandha tinkiseb billi jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-ETS u billi jissaħħu d-dispożizzjonijiet attwali tagħha.

¹ Ir-riforma tal-ETS tikkonsisti minn tliet proposti: żewġ proposti biex tiġi emendata d-Direttiva ETS (waħda minn dawn il-proposti temenda wkoll ir-Regolament MRV b'rabta mat-trasport marittimu u d-Deċiżjoni dwar ir-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq) u proposta separata biex tiġi emendata d-Deċiżjoni dwar ir-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq.

S'issa, is-**settur marittimu** ma kienx soġġett għal miżuri vinkolanti biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra. Il-Kummissjoni tipproponi l-inklużjoni tal-emissjonijiet mis-**settur marittimu** fl-ETS b'perijodu ta' introduzzjoni gradwali mill-2023 sal-2026. Dan ser ikopri l-emissjonijiet kollha mill-vjaġġi interni fl-UE u 50 % tal-vjaġġi barra mill-UE².

L-element ewlieni fit-**tisħiħ tal-ambizzjoni tal-ETS** huwa l-proposta li jiżdied il-Fattur ta' Tnaqqis Lineari minn 2,2 % għal 4,2 % fis-sena, li jwassal għal trajettorja aktar qawwija għat-tnaqqis tal-għadd ta' kwoti tal-emissjonijiet fis-sistema. Barra minn hekk, ser ikun hemm tnaqqis ta' darba tal-limitu fuq l-għadd totali ta' kwoti filwaqt li jiżdiedu l-kwoti biex titqies l-estensjoni tas-sistema lejn is-**settur marittimu**.

Id-dispożizzjonijiet attwali dwar ir-**rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju (allokazzjonijiet bla ħlas)** ser ikompli japplikaw b'mod ġenerali b'ċerti aġġustamenti. Madankollu, għal dawk is-**setturi** fejn huwa propost li japplika l-mekkaniżmu ġdid ta' aġġustament tal-karbonju fil-frontieri (CBAM), l-**allokazzjoni bla ħlas** ser titneħħa gradwalment sal-2035 b'mod li jirrifletti l-introduzzjoni gradwali tal-imposta mis-CBAM fuq l-importazzjonijiet mill-2026 'il quddiem. Is-**setturi** li jkunu koperti mis-CBAM huma l-ħadid u l-azzar, is-siment, il-fertilizzanti, l-aluminju u l-elettriku.

L-**allokazzjonijiet bla ħlas** għall-**avjazzjoni** ser jitneħħew gradwalment b'irkantar sħiħ li jibda japplika mill-2027. Iż-żieda fil-Fattur ta' Tnaqqis Lineari ser tkun tapplika wkoll għall-**avjazzjoni**. L-ETS għandha tkompli tapplika għal titjiriet interni fl-Ewropa (inkluż lejn ir-Renju Unit u l-Iżvizzera) filwaqt li huwa propost li l-iskema globali bbażata fuq is-suq, CORSIA, tapplika għall-operaturi tal-UE għal titjiriet barra mill-Ewropa lejn u minn pajjiżi terzi li jipparteċipaw fl-iskema CORSIA.

² Il-kopertura tal-vjaġġi barra l-UE mhijiex propost li tkun tgħodd biex tintlaħaq il-mira ta' - 55 %.

Bħala appoġġ għal din iż-żieda fl-ambizzjoni, kemm il-**Fond għall-Modernizzazzjoni kif ukoll il-Fond għall-Innovazzjoni** jissaħħu fil-volum, b'mod partikolari b'allokazzjoni miżjuda ta' 2,5 % għall-Fond għall-Modernizzazzjoni li titqassam bejn 12-il Stat Membru bi PDG per capita ta' inqas minn 65 % tal-medja tal-UE, u billi jinħolqu sorsi ġodda ta' finanzjament għall-Fond għall-Innovazzjoni. Ir-regoli dwar l-infiq tal-flus mill-fondi jiġu aġġustati, fost oħrajn skont il-bidliet fl-ETS u l-oġġettivi strateġiċi tal-Patt Ekoloġiku. Barra minn hekk, huwa propost li d-dħul kollu tal-Istati Membri mill-irkantar ser ikun soġġett għal **allokazzjoni** obbligatorja għal skopijiet relatati mal-klima.

Il-Kummissjoni tipproponi l-applikazzjoni tal-ipprezzar tal-karbonju fil-livell tal-UE għall-fjuwils fossili għall-**bini u t-trasport bit-triq** flimkien mal-miżuri meħuda skont ir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi sabiex jinkiseb it-tnaqqis meħtieġ fl-emissjonijiet għal dawk is-setturi f'konformità mal-mira kumplessiva ta' 55 % għall-2030. Mill-2025 għandha tiġi stabbilita **sistema awtonoma ġdida għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet** għall-bini u t-trasport bit-triq b'obbligi ta' konformità mill-2026 maħsuba biex sal-2030 jinkiseb tnaqqis fl-emissjonijiet ta' 43 % għal dawn is-setturi meta mqabbel mal-2005. It-tnaqqis fl-emissjonijiet miksub b'din is-sistema l-ġdida għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ser ikun jgħodd biex l-Istati Membri jilħqu l-miri nazzjonali tagħhom skont ir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi. Għall-bidu, l-istabbiliment tal-limitu massimu (l-ammont totali ta' kwoti) ser ikun ibbażat fuq data miġbura skont ir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi b'Fattur ta' Tnaqqis Lineari inizjali stabbilit għal 5,15 %. Ma hija prevista ebda sistema ta' allokazzjoni bla ħlas. Id-dħul kollu minn irkantar għandu jintuża għal skopijiet marbuta mal-klima u l-enerġija u 25 % mid-dħul ser ikun iddedikat għall-Fond Soċjali għall-Klima.

Biex l-ETS tibqa' stabbli u tiffunzjona tajjeb, hu propost li r-**Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq** tiġi riveduta, inkluż b'dispożizzjonijiet ġodda marbuta mas-sistema l-ġdida awtonoma għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet. Proposta separata għandha l-għan li żżomm ir-rata ta' inkorporazzjoni għal 24 % tal-għadd totali ta' kwoti fiċ-ċirkolazzjoni sal-2030.

Ir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi (ESR)

Il-proposta għandha l-għan li temenda r-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi tal-2018 sabiex tallinjah mal-mira l-għdida tal-UE għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra għall-2030. L-ESR jistabbilixxi miri annwali vinkolanti għall-Istati Membri dwar il-gassijiet serra f'setturi li mhumiex koperti mid-Direttiva ETS jew mir-Regolament LULUCF. **Il-kamp ta' applikazzjoni tal-ESR jibqa' l-istess** għalkemm ir-reviżjoni proposta tad-Direttiva ETS testendi l-iskambju tal-kwoti tal-emissjonijiet għat-trasport bit-triq u l-bini, li jkun ikopri madwar nofs l-emissjonijiet irregolati mill-ESR.

Il-bidliet ewlenin fl-ESR attwali jikkonċernaw il-miri u l-flessibbiltajiet. Il-mira globali għat-tnaqqis tal-emissjonijiet għas-setturi koperti għall-UE-27 **tiżdied minn 29 % għal 40 % sal-2030** meta mqabbla mal-2005. Konsegwentement, il-kontributi tal-Istati Membri għall-mira ġenerali jiżdiedu wkoll, u jkunu **jvarjaw minn 10 % sa 50 %** taħt il-livelli tal-2005. Il-metodu tal-kalkolu jibqa' bbażat fuq il-**PDG per capita**, bl-applikazzjoni ta' ammont limitat ta' **korrezzjonijiet immirati** biex tindirizza t-tħassib dwar il-kosteffiċjenza kif ukoll iċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' għadd ta' Stati Membri. Barra minn hekk, l-akbar żieda fil-mira għal Stat Membru wieħed hija ta' 12-il punt perċentwali. Għal kull Stat Membru, japplikaw tliet reġimi differenti għal-limiti annwali tal-emissjonijiet: ma jinbidel xejn mir-Regolament attwali fl-2021 u fl-2022; aġġustament tat-trajettorja għall-mira l-għdida ta' tnaqqis ta' 40 % għall-perijodu 2023-2025; u t-tieni kalkolu mill-għdid tat-trajettorja għall-perijodu 2026-2030 bl-użu ta' data aġġornata dwar l-emissjonijiet.

Il-Kummissjoni tipproponi ċerti bidliet fil-**flessibbiltajiet** eżistenti, b'mod partikolari biex il-flessibbiltà tal-LULUCF tinqasam f'żewġ perijodi ta' ħames snin, bl-Istati Membri jkunu jistgħu jużaw nofs il-flessibbiltà totali disponibbli bħalissa matul kull wieħed miż-żewġ perijodi. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tipproponi l-istabbiliment ta' **riżerva addizzjonali** għdida permezz tat-trasferiment tal-krediti mhux użati għas-settur tal-LULUCF wara l-2030, jekk ikun hemm, lill-Istati Membri li jkunu jeħtiġuhom biex jgħinuhom jikkonformaw mal-miri individwali tagħhom skont l-ESR. Ikunu japplikaw kondizzjonijiet speċifiċi għall-użu tar-riżerva, li minnha nnifisha ssir operattiva biss jekk il-mira tal-UE ta' -55 % tintlaħaq filwaqt li jiġi rispettata il-limitu għall-kontribuzzjoni tal-assorbimenti netti stabbilit fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima.

Ir-Regolament dwar l-Użu tal-art, it-Tibdil fl-użu tal-art u l-Forestrija (LULUCF)

L-objettivi tar-reviżjoni tar-Regolament eżistenti huma li jiġu stabbiliti regoli u miri ta' konformità aktar sempliċi, aktar trasparenti u effettivi, li l-assorbimenti ta' gassijiet serra fl-UE jiżdedu għal mill-inqas 310 miljun tunnellata ta' ekwivalenti ta' CO₂ sal-2030, u li jiġi stabbilit objettiv ta' settur tal-art tal-UE b'impatt newtrali fuq il-klima sal-2035.

Sal-2025, ir-regoli tar-Regolament LULUCF attwali jibqgħu fil-biċċa l-kbira l-istess, b' mod partikolari l-hekk imsejja "regola ta' ebda dejn" u l-prinċipji kontabilistiċi. B'kuntrast ma' dan, **mill-2026 sal-2030**, huma proposti **diversi bidliet sostanzjali**: Il-mira li **jiżdedu l-assorbimenti għal 310 miljun tunnellata ekwivalenti ta' CO₂ fl-UE sal-2030** hija mqasma fost l-Istati Membri bħala **miri nazzjonali** li jirriflettu l-prestazzjoni attwali ta' mitigazzjoni ta' kull Stat Membru fis-settur tal-LULUCF u s-sehem tal-medda ta' art ġestita fl-UE. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-mira huwa estiż għall-kategoriji kollha ta' rappurtar tal-art u l-konformità hija bbażata fuq l-emissjonijiet u l-assorbimenti rrapportati, minflok dawk kontabilizzati, fl-inventarji tal-gassijiet serra. Il-proċess propost jinkludi d-definizzjoni ta' trajettorja lineari li twassal għall-mira ġenerali tal-UE fl-2030, b'miri sekondarji annwali ddeterminati għal kull Stat Membru permezz ta' atti ta' implimentazzjoni.

Id-dispożizzjonijiet tal-proposta jestendu wkoll għall-**perijodu lil hinn mill-2031**: Mill-2031 'il quddiem, il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament jiġi estiż biex **jinkludi l-emissjonijiet mhux tas-CO₂ mis-settur agrikolu**, u b'hekk ikopri s-settur tal-art kollu bi strument ta' azzjoni wieħed bil-għan li jippromwovi sinerġiji bejn l-azzjonijiet ta' mitigazzjoni bbażati fuq l-art. Il-proposta tiddefinixxi wkoll l-għan tan-**newtralità klimatika fis-settur ikkombinat sal-2035**, li ser tkun tirrikjedi żieda sostanzjali fl-assorbimenti tal-karbonju biex tibbilanċja l-emissjonijiet agrikoli li jifdal. Il-Kummissjoni biħsiebha tipproponi miri għall-Istati Membri individwali u miżuri għall-UE kollha għall-perijodu ta' wara l-2030 fi stadju aktar tard, soġġett għal valutazzjoni tal-impatt u proposta leġiżlattiva ġdida.

Ir-Regolament dwar l-istandards tas-CO₂ għall-karozzi u l-vannijiet

Il-kontribut mill-istandards tas-CO₂ għall-karozzi u l-vannijiet għaż-żieda fl-ambizzjoni tal-UE b'rabta mal-klima jikkonsisti l-aktar minn **żieda fil-miri ta' tnaqqis fl-UE kollha** għall-2030 u l-istabbiliment ta' mira ġdida ta' 100 % għall-2035, li fil-prattika jfisser li ebda karozza jew vann b'magna tal-kombustjoni interna ma ser titqiegħed fis-suq fl-UE mill-2035. Il-miri proposti għall-2030 jibqgħu jagħmlu distinzjoni bejn il-karozzi u l-vannijiet: il-mira għall-karozzi ser tiżdied minn 37,5 % għal 55 % u l-mira għall-vannijiet minn 31 % għal 50 %.

Barra minn hekk, l-hekk imsejħa **skema ta' inċentivi għal vetturi b'emissjonijiet żero jew baxxi** ser tintemm fl-2029 u b'hekk, mill-2030, ma tistax tintuża mill-manifatturi biex tghinjom jilhq u l-mira speċifika tagħhom ta' tnaqqis tal-emissjonijiet.

Ir-Regolament li jistabbilixxi Fond Soċjali għall-Klima

Biex jiġu indirizzati **l-impatti soċjoekonomiċi tas-sistema proposta għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għall-bini u t-trasport bit-triq**, il-Kummissjoni tipproponi l-istabbiliment tal-Fond Soċjali għall-Klima. Il-Fond huwa bbażat fuq Pjanijiet Soċjali dwar il-Klima li jiġu żviluppati mill-Istati Membri, u għandu l-għan li jipprovdi **miżuri ta' appoġġ u investimenti** għall-benefiċċju ta' unitajiet domestiċi vulnerabbli, mikrointrapriżi jew utenti tat-trasport, u li jtejjeb l-effiċjenza tal-bini fl-użu tal-enerġija, id-dekarbonizzazzjoni tat-tisħin u t-tkessiħ tal-bini, l-integrazzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, kif ukoll l-aċċess għal mobbiltà u trasport b'emissjonijiet żero u baxxi. Il-Fond jista' jkopri wkoll **appoġġ għall-introjtu dirett temporanju**.

Il-proposta talloka total ta' **EUR 72,2 biljun** għall-Fond matul il-perijodu 2025-2032, permezz ta' metodoloġija tal-allokkazzjoni li għandha l-għan li tindirizza l-impatt mhux uniformi mistenni tal-estensjoni proposta tal-ETS fost u fi ħdan l-Istati Membri. L-Istati Membri għandhom jiffinanzjaw mill-inqas 50 % tal-ispejjeż totali tal-Pjanijiet Soċjali għall-Klima huma stess billi jużaw id-dħul mill-irkantar tal-kwoti skont is-sistema l-ġdida.

L-istabbiliment tal-Fond ser ikun jeħtieġ **emenda għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 kif ukoll għad-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji.**

MISTOQSIJET LILL-MINISTRI

F'dan il-kuntest, il-Ministri huma mistiedna jkollhom skambju ta' fehmiet fil-Kunsill (Ambjent) fis-6 ta' Ottubru 2021 ibbażat fuq iż-żewġ mistoqsijiet li ġejjin:

- *Meta jitqies li l-ħames inizjattivi marbuta mal-klima msemmija hawn fuq jagħmlu parti mill-pakkett ġenerali "Lesti għall-mira ta' 55 %" u huma marbuta mill-qrib ma' xulxin, dawn l-inizjattivi jirrappreżentaw taħlita bilanċjata ta' politiki li tiżgura l-kisba tat-tnaqqis meħtieġ fl-emissjonijiet b'mod kosteffettiv kif ukoll tqassim ġust tal-piż bejn is-setturi ekonomiċi, l-Istati Membri u ċ-ċittadini?*
- *B'mod aktar speċifiku, dawn l-inizjattivi, inkluż l-iskema l-ġdida proposta għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għat-trasport bit-triq u l-bini, jipprovdu s-sinerġiji u l-inċentivi xierqa biex tintlaħaq l-ambizzjoni meħtieġa kemm fil-livell tal-UE kif ukoll fil-livell nazzjonali? F'dan ir-rigward, kif tivvalutaw il-kontribut tal-proposti individwali lejn il-kisba tal-ambizzjoni miżjuda kif minquxa fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima?*